# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

It-Tmien Leġislatura

Laqgħa Numru 8/2020

13 ta' Awwissu, 2020

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fit:4:00 pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Francis Callus | Vici Sindku |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Mark Cocker | Kunsillier |
| Publio Abdilla: | Kunsillier |

Uffiċċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

8.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kunsillier is-Sur Mark Cocker kien ser jattendi għal laqgħa ftit tard minħabba raġuni ta' xogħol. Huwa ġie skużat.

8.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

8.2.1 Is-Sindku qal illi ref punt 7.2.9 (Sqaq San Pawl) il-Kunsill kien qabel illi l-parti pubblika għandha ssir bi Stencil Concrete filwaqt illi l-parti privata ssir bil-konkos. Is-Sindku qal illi kienu avviċinawh xi persuni li għandhom il-parti privata għaliex ma kinux jixtiequ illi l-Kunsill jagħmel il-parti tagħhom bil-konkos minħabba raġunijijet personali. Is-Sindku qal illi għalkemm l-iskop tal-Kunsill kien li l-isqaq isir kollu, il-Kunsill ma setax jinforza xejn fuq il-privat għalhekk il-Kunsill qabel illi għandha ssir il-parti pubblika bi Stencil Concrete biss.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla kienet skużata mil-laqgħa 16.25 u rritornat 16.26

8.2.2 Is-Sindku qal illi ref punt 7.2.10 (Ġnien ta' Ball) il-kuntrattur kien beda jqiegħed il-madum fil-faċċata tal-Ġnien u filfatt kien diġa' qiegħed nofsu.

8.2.3 Is-Sindku qal illi ref punt 7.2.11 (roundabout l-fuq miċ-ċimiterju) l-Kunsill kien għarraf lill-Perit li diġa' kienet qiegħda tfaqqa' u għalhekk reġgħet inqalgħet biex issir mill-ġdid.

8.2.4 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk il-Kunsill kienx ħa l-fondi rigward ref punt 7.2.12 (applikazzjoni għal stray cats). Is-Sindku qal illi s'issa l-Kunsill ma kienx ħa risposta.

8.2.5 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk il-Kunsill kellux risposta mingħand il-kuntrattur rigward ref punt 7.2.14 (tindif tal-balavostri taz-zuntier). Is-Sindku kkonferma illi l-Kunsill ukoll ma kienx għadu ħa risposta.

Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker daħal għal laqgħa 16.30

8.2.6 Is-Sindku qal illi ref punt 7.4.7 (tabelli) kien jidher illi issa nqalgħu t-tabelli kollha li kien hawn mar-raħal.

8.2.7 Is-Sindku qal illi ref punt 7.4.9 (pole fuq il-bankina Triq il-Kuċċard) il-Kunsill kien diga' għamel kuntatt mal-Każin sabiex jinqala' l-pole.

8.2.8 Is-Sindku qal illi ref punt 7.4.14 (triq tal-Ajżar) il-Kunsill kien kiteb lill-BRO minħabba l-periklu li kien qiegħed jinħoloq f'din it-triq u li minħabba f'hekk is-sid kien ser jiġi mġiegħel itella' ħajt tal-bricks bħala prekawzjoni.

8.2.4 Is-Sindku qal illi ref punt 7.4.15 (Triq tal-Ajzar) il-Kunsill kien irċieva risposta illi l-Awtorita tal-Ippjanar ma jidħlux fi problemi jekk ma jkunux jikkonċernaw problemi ta' saħħa jew sanita'.

8.2.5 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi ref punt 7.6 (Ħatra tal-Bord Evalwzzjoni tal-Kuntratt Ħitan tas-Sejjieħ) il-bord kellu jiltaqa' sabiex issir l-evalwazzjoni tal-kuntratt. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien bagħat id-dokumenti kollha lill-Perit tagħna sabiex ikun jista' jevalwahom huwa qabel.

8.2.6 Is-Sindku qal illi ref punt 7.8 (Festa) is-Sindku qal illi milli jidher kienu ser jitħassru l-attivitajiet kollha relatati mal-Festa. Is-Sindku qal illi dak innhar kien ser jattendi l-aħħar laqgħa mal-Kappillan u persuni konċernati mal-festa sabiex tittieħed id-deċiżjoni x'ser isir.

8.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

8.3.1 Is-Sindku qal illi xi xhur ilu l-Kunsill kien qabel li għandha ssir talba sabiex Triq il-Kuċċard tiġi distributorja. Huwa qal illi kien tkellem mas-Sindku taż-Żurrieq li qablu illi għandha issir talba waħda flimkien sabiex Vjal ix-Xarolla għal komunita' taż-Żurrieq u Triq il-Kuċċard għal komunita ta' Ħal Safi jsiru toroq distributorji. Is-Sindku qal illi t-talba kienet intbaghtet lill-Ministru Ian Borg u dan għaddiha lil Transport Malta u Infrastructure Malta. Is-Sindku spjega illi wara l-approvazzjoni ta' dawn l-entitajiet u tal-Ministru jkun fadal biss illi tgħaddi bħala liġi mill-parlament.

8.3.2 Is-Sindku qal illi kien kellmu l-Kap tad-Dimentia li peress li l-lokalita' ta' Ħal Safi ser tinfetaħ id-Dimentia Centre jixtiequ illi l-lokalita' tagħna tkun turi li hija *Dimentia Friendly.* Is-Sindku spjega ir-rekwiżizzjonijiet sabiex isir dan, fosthom li titwaħħal tabella fid-daħla tar-raħal li tindika li l-komunita' hija dimentia friendly u tabelli f'postijiet ċentrali bħal knisja u jsiru laqgħat ta' informazzjoni mal-komunita' kummerċjali u għaqdiet tal-lokal bħala taħriġ sabiex ikunu jafu kif għandhom jaġixxu ma' persuni bid-demenzja. Il-Kunsill qabel.

8.3.3 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi kien qiegħed jinsisti illi l-għassa tal-pulizija tkun miftuħa l-ħin kollu. Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker issekondah. Is-Sindku qal illi milli kien qed jidher ma kinitx xi ħaġa faċli.

8.3.4 Is-Sindku qal illi kienu kellmuh rigward is-servizz tal-van li jaħdem bl-elettriku li ser ikun qiegħed jissotitwixxi s-servizz tat-tuk tuk. Is-Sindku qal illi kienet saret spezzjoni sabiex jiġi stabbilit l-aħjar post fejn il-van jista' jiġi pparkjat bil-lejl u fl-istess ħin jiġi ċċarġjat. Il-Kunsill iddiskuta l-possibilitajiet fejn l-aħjar isir dan pero' kien hemm qbil illi l-aħjar jiġi l-engineer qabel ma nistabbilixxu post.

8.3.5. Is-Sindku qal illi huwa kien kiteb lil Transport Malta sabiex inkunu preċiżi liema vetturi jistgħu jiġu pparkjati fit-triq u dawk li għandhom ikun bil-liġi ggaraxxjati. Is-Sindku ta d-dettalji lill-Kunsilliera.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla kienet skużata mil-laqgħa 17.21

8.3.6 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien irċieva invit ieħor għal Town Twinning li ser isir Calabria bejn Frar u Marzu tas-sena d-dieħla. Il-Kunsill qabel li nipparteċipaw.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla reġgħet daħlet għal laqgħa 17.25

8.3.7 Is-Sindku qal illi Reġjun Nofsinhar kienu ħarġu inizjattiva rigward installazzjoni ta' CCTV. Huwa qal illi l-Kunsill għandu sat-30 ta' Ottubru sabiex jitfa' l-applikazzjoni fejn ser inkunu nistgħu nibbenefikaw l-ammont ta' €2,000. Il-Viċi Sindku staqsa jekk il-kameras ta' ħdejn il-bring in sites kienux qegħdin jaħdmu pero' s-Sindku qal illi din kellna konferma li ser jagħmluha l-Greenpak. Is-Sindku ssuġerixxa illi għal din l-inizjattiva l-Kunsill għandu japlika għal sistema ta' kameras fi Ġnien Sir Alexander Ball. Il-Kunsill iddiskuta din l-inizjattiva u qabel illi l-kameras fi Ġnien Sir Alexander Ball għandha tkun prijorita'.

8.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

8.4.1 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qal illi fi Triq il-Kuċċard kien hemm ħofor miftuħa. Is-Sindku qal illi fi Triq il-Kuċċard kien għad jonqos l-aħħar saff ta' tarmak qabel jitgħattew dawn il-ħofor.

8.4.2 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi fi Triq il-Kuċċard il-garaxxijiet kienu ġew b'diżlivell kbir. Is-Sindku qal illi kien kellem lill-Perit sabiex tiġi ndirizzata din il-problema.

8.4.3 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi l-Emblema li hemm fid-daħla tar-raħal kellha bżonn ftit polish.

8.4.4 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi l-Ħadd ta' wara l-laqgħa kienet ser issir attivita' ta' volontarjat li kellha ssir f'santwarju tal-qtates.

8.4.5 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi ħdejn iċ-ċimiterju kien hemm bżonn illi nneħħu l-ħaxix ħażin.

8.4.6 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi l-ħarġa għal Filfla ma kinitx ser tiġi organizzata minħabba s-sitwazzjoni tal-Covid-19

8.4.7 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet jekk konniex ser nieħdu sehem f'European Mobility Week. Il-Kunsill iddiskuta u qabel illi ma tagħmilx sens illi nipruvaw nieħdu sehem għal attivitajiet tal-massa u għalhekk ma konniex ser napplikaw.

8.4.8 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa rigward it-tender għas-sistema tad-Dawl illi ħareġ Reġjun Nofsinhar. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi kienet għaddiet id-dokument tal-istess tender lill-Kunsilliera permezz tal-e-mail.

8.4.9 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa rigward l-iskema favur il-qtates. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi għalkemm konna l-Kunsill kien tefa' l-applikazzjoni għal fondi tal-LCare il-Kunsill ma kienx għadu ħa l-ebda risposta.

8.4.10 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal illi l-fanal li jinsab fil-pjazza fil-kantuniera kien qiegħed jixgħel u jitfi.

8.4.11 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa kif kien baqa' l-Kunsill rigward l-aħħar fanal li konna waħħalna l-pjazza fejn konna ħallejna ukoll il-bozza. Is-Sindku qal illi l-fanal huwa ordnat.

8.4.12 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa jekk il-Kunsill kienx għamel xi ħaġa rigward l-iskema tal-Ambjent li nieda r-Reġjun Nofsinhar. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien ser jutilizza l-€5,000 sabiex inħallsu l-istudju li ser isir rigward Slow Streets.

8.4.13 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal illi kien hemm korrispondenza minn Transport Malta rigward laqgħa li kienu ser jorganizzaw online. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi din il-laqgħa kienet organizzata minħabba l-applikazzjonijiet għal European Mobility Week.

8.4.14 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker faħħar li kienet reġgħet saret ir-roundabout li hemm fi Triq San Gwann l-fuq miċ-ċimiterju.

8.4.15 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdila qal illi fi Ġnien Sir Alexander Ball kien kiber ħafna ħaxix ħażin sabiex jitnaddaf u d-dwal mal-istess Ġnien ma kienx qed jixgħel.

8.4.16 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi fil-laqgħa preċidenti kien semma' l-ħġieg tat-telephone box ħdejn l-għassa kien għad hemm żewġ ħġiġiet imkissra.

8.4.17 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla rringrazzja lill-Kunsill għal mera li twaħħlet Triq tal-Ajżar.

8.4.18 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi fil-pjazza ma kienx għad fadal bin wieħed imwaħħal. Is-Sindku qal illi fil-fatt kien hemm bin mal-ġenb tal-Każin u ma kienx jixtieq li jeħlu aktar bins imbaghad jibdew jitfgħu kollox fihom u madwarhom.

8.4.19 Il-Viċi-Sindku qal illi s-sigar li kien hemm il-bandli kienu qed jarmu l-bagħal magħhom sabiex inneħħuhom. Is-Sindku kkonferma illi ser inqabbdu l-ħaddiema biex jaqlagħhom.

8.5 Riżenja ta' Impjegata

8.5.1 Is-Sindku qal illi nhar it-Tnejn 3 ta' Awwissu, 2020, il-Kunsill kien irċieva l-ittra ta' riżenja tal-impjegata b'effett immedjat. Is-Sindku qal illi fl-ittra kien hemm xi affarijiet li ma kienx qed jaqbel magħhom pero' fiċ-ċirkostanzi ssuġerixxa illi l-Kunsill jilqa' r-riżenja tagħha u jitwaqqfu l-proċeduri dixxiplinari kontriha bil-kundizzjoni li dawn il-proċeduri dixxiplinarji jerġgħu jiġu jidħlu fis-seħħ f'każ li din l-istess impjegata tiddeċiedi li tapplika għal xi sejħa oħra li l-Kunsill jista' joħroġ fil-futur. Il-Viċi-Sindku s-Sur Francis Callus issekondah. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.5.2 Il-Kunsill iddiskuta ż-żmien ta' notice (10 ġimgħat) li l-impjegata kellha tagħmel u l-leave pro-rata illi kien fadlilha u qabel illi għalkemm il-leave kienu jammontaw għal għaxart ijiem xogħol biss, dawn kellhom jitqiesu bħala n-notice ta' din l-impjegata.

8.6 Korrispondenza

8.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv tat kopja tal-incoming mail lill-Kunsilliera u saret diskussjoni fuq diversi e-mails li rċieva l-Kunsill.

8.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi mal-Iskeda ta' Pagamenti kienet qiegħda tressaq ukoll il-varjazzjonijiet illi kien hemm bżonn mal-Kuntratt tal-Steel fi Ġnien Sir Alexander Ball li nqalgħu minħabba illi nbidlet ir-rampa fil-parti t'isfel tal-Ġnien. Il-Kunsill iddiskuta dawn il-varjazzjonijiet u ġew approvati unanimament.

Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus ġie skużat mil-laqgħa 18:51

8.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa ntemmet fil-7:00pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar il-Ħamis 17 ta' Settembru, 2020 fl-4:00 pm.

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Doris Baldacchino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |